MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2009

Talba Numru. 116/2008

**Polmesh Limited
(C-21929)**

**Vs**

**John Darmanin
(I.D. 441355M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici titlob li l-konvenut jigi ikkundannat ihallas is-somma ta' disa' mija u hamsin euro u tmienja u tletin centezmu (€950.38) rapprezentanti materjal fornut lill-konvenut. Bl-ispejjez gudizzjarji, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Novembru 2007 bin-Numru ta' Referenza 6706/07, u bl-imghax legali dekorribli skond il-Ligi sad-data ta' l-effettiv pagament.
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal u b'hekk baqa' kontumaci.

Ra l-verbal tas-seduta tas-17 ta' Frar 2009 fejn Dr. Anna Mallia ghas-socjetà attrici irrilevat li fir-Registru Elettorali l-konvenut ghadu registrat fl-indirizz indikat fl-Avviz tat-Talba u b'hekk talbet illi a tenur ta' l-Artikolu 187 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-kawza tithalla ghas-sentenza.

Ra l-atti l-ohra tal-kawza, sema' lill-Purtier Charles Cassar[1] dwar l-affissjoni ta' l-avviz fil-post residenzjali tal-konvenut, illi kkonferma li mar fit-triq indikata, illi mhijiex triq wiesgha hafna u b'kollox hemm madwar xi tmint idjar, izda d-dar imsemmija fl-Avviz ''Natura Divina Farmhouse'' ma sabhiex u b'hekk ma setax jaghmel l-affissjoni f'dan il-post; u sema' lill-Avukat Dottor Anna Mallia[2] illi kkonfermat li l-ammont ta' €950.38 ghadu dovut mill-konvenut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' disa' mija u hamsin euro u tmienja u tletin centezmu (€950.38), bl-imghax legali dekoribbli skond il-Ligi sad-data ta' l-effettiv pagament. L-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Novembru 2007 bin-Numru ta' Referenza 6706/07, huma a karigu tal-konvenut.

.

Av. Dr. Gabriella Vella
Gudikatur

**< Sentenza Finali >**

[1] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-17 ta' Frar 2009.
[2] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-17 ta' Frar 2009.

---------------------------------TMIEM---------------------------------